MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 13(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2013, fil-5:30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |

**Skuzat**:

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Stephen Caruana ( S.C.) |

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall (D.H.) |

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Latrini Pubblici
6. Sottomissjoni tal-Kunsill Lokali dwar l-EIA tal-power Station il-gdida
7. Aggudikar ta' sejhiet ghall-kwotazzjonijiet numru MXLC03/2013 u MXLC05/2013
8. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
9. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Qari tal-Minuti**

1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduta Numru 12 (2013) kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja unanimament approva il-minuti bħala dokumenti korretti.

**2 Arisings mill-Minuti**

2.1 Ma kienx hemm

**3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

3.1 Is-Sindku qal illi flimkien mal-membri l-ohra tal-Kunsill Lokali, kienet inzammet laqgha mal-Onor. Ministru Konrad Mizzi li matulha gien gie diskuss pjan ta' rigenerazzjoni ghal Marsaxlokk. Is-Sur Micallef qal illi l-pjan ta' rigenerazzjoni li kien thejja mill-Perit Edwin Mintoff kien jinkludi diversi inizjativi. Il-Kunsill Lokali gie mitlub jevalwa l-proposti li kienu gew imhejjija u jressaq il-kunsiderazzjonijiet tieghu. Is-Sur Micallef zied jghid illi kienet intalbet kopja tar-rapport lill-Perit Mintoff sabiex il-Kunsill Lokali ikun f'pozizzjoni ahjar li jevalwa l-proposti u jelenka l-prijoritajiet sabiex ikun jista' jitfassal program ta' hidma.

3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi waqt il-laqgha tas-Sindki u Vici-Sindki li kienet inzammet nhar is-27 u t-28 ta' Settembru 2013, hekk kif mitlub mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kienet giet diskussa t-tema tas-swieq fil-berah. Is-Sur Micallef zied jghid illi wara li kien spjega fid-dettall il-problemi li kien qieghed jiltaqa' maghhom il-Kunsill Lokali b'konnessjoni mas-swieq fil-berah, kien hemm diskussjoni libera li matulha diversi Sindki u Vici-Sindku f'isem il-Kunsilli Lokai rispettivi kienu sahqu illi kellha tittiehed azzjoni dwar is-swieq fil-berah. Ghal dan il-ghan, l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet hatret bord, li tieghu is-Sur Micallef kien kordinatur sabiex fi zmien xahrejn jipprezenta rapport bil-proposti.

3.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi hekk kif maqbul Green MT kienet poggiet kontenituri ghall-iskart riciklabbli matul Xatt is-Sajjieda bil-ghan illi dawn jintuzaw mill-bejjiegha li kienu joperaw fis-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd. Filwaqt li spjega kif ma kienux gew milhuqa r-rizultati mistennija, is-Sur Micallef zied jghid illi kienet ingibdet l-attenzjoni ta' GREEN MT dwar il-kulur tal-kontenituri nfushom ghaliex dawn setghu jigu mifxula ma' kontenituri private ( ta' sidien ta' stabbilimenti).

3.4 Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsilliera illi nhar is-17 ta' Settembru 2013, il-Perit William Lewis kien xehed quddiem il-*Public Contracts Review Board* b'konnessjoni ma' appell rigward tender ghal *playing field* gdida fi Triq il-Wilga. Huwa zied jghid illi kien jonqos biss id-decizjoni tal-bord sabiex ikun jista' jinghata bidu ghax-xogholijiet hekk kif ippjanat.

3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi zewg appelli li kienu saru kontra d-decizjoni tal-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti ghall-gbir ta' skart domestiku kienu gew konkluzi u wara li kienet instemghet ix-xhieda kollha il-Public Contracts review board kien wasal ghall-konkluzjoni illi ma kien hemm ebda irregolarita' fl-aggudikar tas-sejha min-naha tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Micallef zied jghid ili ghal dan il-ghaldaqstant il-kumpanija V&A Services Ltd. kienet ser tibda toffri s-servizz in-kwistjoni b'effett mill-1 t'Ottubru 2013.

3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat nhar is-Sibt 14 ta' Settembru 2013 kienet inzammet b'success l-attivita' Fish Fest b'kollaborazzjoni bejn il-Gvern Centrali u l-Kunsill Lokali. Is-Sur Micallef zied jghid illi mill-attivita' kienet ingabret is-somma totali ta' €5000 li kienet inghatat bhala donazzjoni lill-fondazzjoni Puttinu Cares.

3.7 Is-Sur Edric Micallef qal illi wara li kellu kuntatt mas-Sur Matthew Bugeja kienet tfasslet applikazzjoni ghal *youth exchange* taht l-iskema *Youth In Action* (3.1) li kienet taqa' taht il-kappa tal-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Micallef zied stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti deskurizzjoni fid-dettall dwar l-imsemmija applikazzjoni.
Is-Sur Hall qal illi l-applikazzjoni msemmija kienet ghal skambju ta' zghazagh bejn diversi pajjizi. Il-pjan kien illi l-iskambju jsehh f'Marsaxlokk bi spiza totali ta' madwar €23 000. 70% minn dawn il-fondi kienu ser jinkisbu mill-Unjoni Ewropeja filwaqt li l-30% l-ohra kienu ser jigu mhallsa mill-partecipanti nfushom li kienu jammontaw ghal madwar 30. L-isem maghzul ghall-imsemmi skambju kien 'Made of Steel.' Is-Sur Hall temm jghid illi kemm il-darba l-progett jigi approvat, persentagg kbir mill-fondi kienu ser jigu mghoddija lill-Kunsill Lokali qabel isehh l-iskambju.
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jipprocedi billi jissottometti l-applikazzjoni hekk kif imhejjija. Is-Sur Angelo Micallef issekonda din il-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

3.8 Is-Sur Edric Micallef qal illi kien kellu diversi kuntatti rigward inizjativi li kienu qieghdin jittiehdu rigward Marsxlokk u li f'certi cirkostanzi kienu konflingenti. Is-Sur Micallef elabora kif fost l-ohrajn kienet thabbret l-inner *harbour area planning* flimkien ma' masterplan ghall-imwejjed siggijiet w umbrelel f'Xatt is-Sajjieda, il-Kavallerizza Guidance Plan flimkien ma' proposta ta' rigenerazzjoni ta' Marsaxlokk mill-Ministeru tal-Onor. Ministru Konrad Mizzi. Is-Sindku zied jghid illi f'dan ir-rigward kien gibed l-attenzjoni tal-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar u kien gie mwieghed illi kien ser ikun hemm konsultazzjoni sabiex kemm il-darba ikun possibbli l-inizjativi msemmija jigu inkluzi fi pjan holistiku

3.9 Is-Sindku qal illi wara li kuntrattur tal-Kunsill Lokali kien gie mqabbad jaghmel xi xogholijiet f'Xatt is-Sajjieda sabiex tigi solvuta problema li kien hemm fl-*istreet lighting*, kienet inqalet il-htiega illi ticcaqlaq opra tal-bahar minn zona riservata ghas-sajjieda sabiex ikun jistghu isiru x-xogholijiet. Is-Sur Micallef zied jghid illi kien sar kuntatt ma' sid l-opra tal-bahar u sahansitra twahhal avviz mal-imsemmija opra sabiex din tkun tista' titnehha. Sfortunatament, nda ma kienx sehh u l-Kunsill Lokali kellu jiehu decizjoni dwar din it-tema. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba l-imsemmija opra tal-bahar ma titnehhiex, il-Kunsill Lokali kellu jirrikorri ghall-mezzi legali permessibbli u jqabbad kuntrattur privat sabiex inehhi l-opra tal-bahar minn posta sabiex ikunu jistghu isiru x-xogholijiet mehtiega.

3.10 Is-Sur Edric Micallef qal illi sabiex il-Kunsill Lokali jinghata gwida dwar kif kienu qieghdin jintefqu l-fondi tal-Kunsill lokali matul l-2013, kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv ihejji rapport finanzjarju bid-dhul u l-infiq tal-Kunsill Lokali ghas-sena in-kwistjoni. Is-Sindku ghadda sabiex jispjega fid-dettal kif kienu intefqu il-fondi b'deskrizzjoni ta' spejjez kuntrattwali u ohrajn flimkien mad-dhul mill-allokazzjoni tal-Gvern Centrali u permessi fost l-ohrajn. Is-Sur Micallef, filwaqt li spjega x'kien qieghed jigi ppjanat mil-lat finanzjarju sa' tmiem l-2013, temm jghid illi kien qieghed jigi previst illi matul l-2013, il-Kunsill Lokali kien ser ikun nefaq aktar flus minn dak li dahhal

## 4 <u>Korrispondenza</u>

4.1 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Settembru 2013, il-Kunsill Lokali fakkar lill-awtoritajiet koncernati dwar ftehim li kien intlehaq matul l-2012 sabiex meters tad-dawl u l-ilma gewwa *winchrooms* f'Xatt is-Sajjieda jinqalbu fuq id-Dipartiment tas-Sajd, liema ftehim kien ghadu ma giex onorat.

4.2 Permezz ta' e-mail 30 ta' Settembru 2013, il-Kunsill Lokali fakkar lil Transport Malta fil-htiega illi tigi rrangata Central Strip fid-dahla ta' Marsaxlokk ( miz-zona ta' Bir id-Deheb) u l-qbil ta' Transport Malta li x-xoghol mitlub mill-Kunsill Lokali kien wiehed gustifikat.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill, illi s-Sur James Piscopo f'isem Transport Malta kien ikkonferma illi Transport Malta kienet ser tkun qieghda tipprova tindirizza it-talba tal-Kunsill Lokali.

4.3 Permezz ta' e-mail datat 18 ta' Settembru 2013, is-Sa. Annamaria Raniolo, f'isem kumpanija tal-produzzjoni tal-Films Russa talbet lill-Kunsill Lokali permess sabiex tkun tista' taghmel xi xogholijiet fi Triq il-Power Station, Delimara bil-ghan illi bejn l-10 u l-25 ta' Ottubru 2013, jingibdu xi xeni ghal film illi l-istess produzzjoni kienet qieghda ttella'.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilli Lokali illi filwaqt li ma kienet insabet ebda ogezzjoni ghat-talba tas-Sa. Raniolo, l-istess Sa. Raniolo kienet giet infurmata illi t-triq in-kwistjoni ma kenitx taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali u t-talba kellha tigi indirizzata lil Transport Malta.

4.4 Permezz ta' e-mail datat 24 ta' Settembru 2013, is-Sur Charles Carter, f'isem il-*Commerce Division* informa lill-Kunsill Lokal illi talba li kien ircieva l-istess Kunsill Lokali ghal trasferiment ta' posta fis-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd ma setghetx tigi miqlugha peress li ma kienux intlequ r-rekwiziti sabiex dan isehh. Is-Sur Carter fakkar lill-Kunsill Lokal illi t-trasferiment ta' posti, anke fil-kaz ta' trasferiment fuq is-sostituti kienu rregolati permezz ta' S.L.44.04, liem regolamenti kienu cari.

4.5 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Settembru 2013, Nature Trust infurmat lill-Kunsill Lokal illi fid-19 ta' Ottubru 2013 kienet ser tinzamm attivita' ta' tindif gewwa Triq Tas-Silg u Xrobb l-Ghagin inkluz iz-zona tal-batterija ta' San Pawl. Nature Trust infurmat lill-Kunsill Lokali illi ghal din l-attivita' kien diga' hem mil-konferma ta' madwar mitt volontier u talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi ghall-attivita' jipprovdi *open skip* flimkien ma' boroz ghall-iskart.
Wara diskussjoni libera dwar din l-attivita' kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jipprovdi *open skip* u boroz ghall-iskart hekk kif mitlub minn Nature Trust. Is-Sindku ikkonferma illi kienet l-intenzjoni tieghu illi jiftah l-attivita' permezz ta' diskors qasir tal-okkazjoni.

4.6 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Settembru 2013, is-Sur Raymond Farrugia mill-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura informa lill-Kunsill Lokal illi talba li kienet saret mis-Sindku f'isem l-istess Kunsill Lokali sabiex trejqa biswit il-kappella tal-Patrijiet Terezjani fiz-zona ta' tas-Silg tinghata wick bil-konkos kienet ser tkun qieghda tigi inkluza fil-lista ta' progetti li kienu qieghdin jingabru

4.7 Permezz ta' e-mail datat 24 ta' Settembru 2013, is-Sur Darryl Camilleri talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhariglu permess temporanju sabiex ghax-xhur ta' Novemnru u Dicembru 2013 ikun jista' jopera bhal bejjiegh fis-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd.
Wara diskussjoni dwar din it-talba kien hemm qbil unanimu illi t-talba tas-Sur Camilleri ma setghetx tigi milqugha u s-Sur Camilleri kellu jinghata l-opportunita' illi jbiegh f'attivita' li l-Kunsill Lokali itella' fi zmien il-Milied.

4.8 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Settembru 2013 is-Sa. Marthese Baldacchino infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-ammont ta' fondi disponibbli taht l-iskema Urban Improvement Fund ghal-lokalita' ta' Marsaxlokk kien ta' € 102 452.52

4.9 Permezz ta' e-mail datat 18 ta' Settembru 2013, is-Sur Noel Gauci f'isem l-Ghaqda Sidien tad-Dghajjes tat-Trunciera, informal ill-Kunsill Lokal illi sabiex jigu evitati hsarat u vandalizmu fuq l-opri tal-bahar tal-membri tal-istess ghaqda li kienu sitwati fi Triq il-Power Station, a spejjez tal-istess membri kien qieghed jigi propost illi jitwahhlu CCTV cameras. L-istess ghaqda talbet sabiex hekk kif sehh f'postijiet ohra fil-lokalita' jitwahhlu *supply meters* ghall-provvista tal-elettriku fiz-zona msemmija.
Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talbiet tal-Ghaqda Sidien tad-Dghajjes tat-Trunciera. Madanakollu t-talbiet in-kwistjoni ma kienux jittrattaw materji li jaqghu that ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali. Ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali kellu jiggwida lis-Sur Gauci, f'isem l-ghaqda dwar il-mizuri li kien jinhtieg jittiehdu sabiex it-talbiet ikunu jistghu jimmaterjalizzaw.

4.10 Permezz ta' memo 22/2013 datat 19 ta' Settembru 2013, is-Sa. Borg Marie Jeanne f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali baghtet ghall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali avviz ghall-istampa mahrug mill-Kummissjoni elettorali li kien jittratta l-elezzjoni tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienet ser tinzamm nhar is-Sibt 12 ta' Settembru 2013.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-votazzjoni kienet ser tinzamm bejn it-8:00a.m. u l-11:00a.m. gewwa l-Kunsill Lokali rispettiv ta' kull kunsillier

4.11 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Settembru 2013, is-Sur Dennis Fenech talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhariglu permess sabiex ikun jista juza l-arma tal-Kunsill Lokali fuq fliexken tal-inbid u xoghol iehor ta' artigjanat fuq il-hgieg. L-ghan ewlieni tax-xoghol kien illi l-istess prodott jinbiegh lit-turisti.
Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Fenech.

4.12 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Settembru 2013, is-Sa. Audrey Testaferrata deNoto f'isem Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess Transport Malta kienet qieghda tohrog permess sabiex fi Triq il-Luzzu, quddiem fond nru 34, issir *communal un/loading bay* ghal perjodu ta' tmien sieghat kuljum.

4.13 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Settembru 2013, is-Sur Robert Cilia, f'isem id-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi permezz ta' Job Exposure Scheme jospita zewg studenti ghal perjodu ta' zmien. L-istudenti li kellhom bzonnijiet specjali kienu ser ikunu akkumpanjati minn membru tad-Direttorat li kellu ikun responsabbli minnhom.
Wara diskussjoni libera dwar din it-tema, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel kunatt mas-Sur Cilia sabiex jigu ccarati diffikultajiet li setghu jirrizultaw ewlenin fosthom problema ta' accessibilita'.

4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill numru ta' applikazzjonijiet li kienet irciviet l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar ghal zvilupp f'Marsaxlokk. Wara li inghataw dettalji tal-applikazzjonijiet irrizulta li l-izvilupp propost kien jittratta binjiet privati li ma kien ser ikollhom ebda impatt fuq l-ambjent tal-lokalita' u ghaldaqstant, bi qbil unanimu il-Kunsill Lokali ma' sab ebda oggezzjoni,

4.15 Permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru 2013, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat illi kien hareg permess ghal applikazzjoni numru PA/1729/12/1A/1B li kienet tittratta ufficcju li kellu jintuza ghal attivita' relatata mas-sajd gewwa Triq Xatt is-Sajjieda Marsaxlokk

## 5 Latrini Pubblici

5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jircievi diversi ilmenti dwar l-istat tal-latrini pubblici gewwa l-lokalita'. Is-Sur Micallef zied jghid illi minkejja l-fatt illi kienet ingibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur responsabbli mil-latrini pubblici s-sitwazzjoni ma kenitx tjiebet. Fil-fatt apparti nuqqasijiet tal-kuntrattur innifsu, il-latrini pubblici kienu qieghdin jisfaw vittma ta' diversi atti vandali. Ghal dan il-ghan, is-Sindku qal, ill-fl-opinjoni tieghu kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar x'ghandu jaghmel il-Kunsill Lokali sabiex tigi rrangata s-sitwazzjoni li kienet qieghda tmur ghall-aghar. Is-Sindku fakkar kif fix-xhur precedenti, il-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem fuq bye-law li kienet tittratta l-latrini pubblici u semma' li l-process kien twaqqaf fuq parit tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li kien sahaq illi galadarba l-proposta tal-Kunsill Lokali ma kienet tipprevedi ebda dhul finanzjarju ghall-istess Kunsill Lokali, ma kienx hem mil-htiega li ssir bye-law.

Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha ghal expression of interest sabiex il-kuntrattur privat maghzul ikun responsabbli mid-disinn, bini u manutenzjoni tal-latrini pubblici tal-lokalita'. Hekk kif maqbul f'seduti precedent, il-pubbliku kien ser ikun qieghed jintalab ihallas l-ammont ta' €0.30 sabiex jaghmel uzu mil-latrini pubblici, liema mizata kienet ser tkun qieghda tittiehed mill-Kuntrattur. Kien hemm qbil ukoll illi l-Kunsill lokali kellu jidhol fi qbil mal-Kuntrattur maghzul ghall-perjodu ta' ghaxar snin.

Is-Sur Micallef informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien qieghed jiddiskuti mal-kuntrattur Ricky Caruana xi mizuri li setghu jittiehdu sabiex is-sitwazzjoni tal-latrini pubblici timmeljora sakemm jigi konkluz l-aggudikar tas-sejha ghal *expression of interest*.

## 6 Sottomissjoni tal-Kunsill Lokali dwar l-EIA tal-power Station il-gdida

6.1 Is-Sindku ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill rapport li kien thejja mill-Ing Arthur Ciantar, konsulent ghall-Kunsill Lokali rigward din it-tema, rigward l-Environmental Impact Assessment tal-power station il-gdida ta' Delimara u stieden lill-Ing. Ciantar, li kien gie msejjah ghas-seduta sabiex jaghti deskrizzjoni dettaljata tar-rapport.

Wara li s-Sur Ciantar spjega l-punti li kien qajjem permezz tar-rapport tieghu li kien jindirizza t-temi tal-kwalita' tal-arja, l-istorbju u l-impatt socjali tal-power station il-gdida, il-Kunsill Lokali ghadda sabiex jiddiskuti d-dokument. Finalment, wara li saru xi modifiki fid-dokument imsemmi li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti is-Sur Carmelo Bugeja ippropona illi d-dokument jigi approvat hekk kif emendat. Is-Sur Steven Grech issekonda din il-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tiehu hsieb tibghat id-dokument hekk kif approvat.

## 7 Aggudikar ta' sejhiet ghall-kwotazzjonijiet numru MXLC03/2013 u MXLC05/2013

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien ircieva erba' offerti ghal sejha ghall-kwotazzjonijiet numru MXLC03/2013 (Insurance Cover). Wara li kienu gew evalwati d-dokumenti, irrizulta illi l-erba' offerti kienu validi u ghaldaqstant, gew mghoddija lill-bord ta' evalwazzjoni li min-naha tieghu, wara li xtarr id-dokumenti kollha, b'decizjoni unanima kien irrakkomanda illi s-sejha tigi aggudikata lill-kumpanija Mediterranean Insurance Brokers Ltd.

Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, minbarra li l-offerta ta' MIB Ltd. kienet l-irhas wahda, l-Kunsill Lokali kellu esperjenza tajba tal-kumpanija ghaliex fil-passat kien

diga’ ghamel uzu mis-servizzi taghha. Huwa zied jghid illi ghaldaqstant kien qieghed jipproponi illi l-Kunsill Lokali jilqa’ r-rakkomandazzjoni tal-bord ta’ evalwazzjoni u jaghzel lill-Kumpanija Mediterranean Insurance Brokers Ltd. Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda din il-proposta li ghaddiet b’votazzjoni unanima.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien ircieva zewg offerti ghal sejha ghall-kwotazzjonijiet numru MXLC05/2013. L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet evalwat id-dokumenti u irrizulta illi z-zewg offerti kienu legalment validi u ghaldaqstant gew mghoddija lill-bord ta’ evalwazzjoni. Wara li xtarr tajjeb iz-zewg offerti, il-bord irrakkomanda illi kemm il-darba AID Ltd. ticcara xi punti li qajjem il-bord b’mod soddisfacenti l-istess AID Ltd. kellha tigi aggudikata din is-sejha ghall-kwotazzjonijiet.
Is-Sur Edric Micallef qal illi bhala membru fil-bord ta’ evalwazzjoni kien inhatar is-Sur Clive Ciappara, tekniku li kien evalwa l-proposti u ta’ l-opinjoni tieghu. Is-Sindku zied jghid illi fl-opnjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jilqa’ r-rakkomandazzjoni tal-bord ta’ evalwazzjoi u jaggudika s-sejha lil AID Ltd. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u ghaddiet b’votazzjoni unanima

## 8 Approvazzjoni ta’ hlasijiet

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda skeda ta’ pagamenti (Skeda 10/2013) ghall-approvazzjoni. Wara li saret evalwazzjoni tal-pagamenti proposti, is-Sur Micallef tenna kif fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi pagament dovut lil AFS Ltd. ma jsehhx qabel water feature li kien hemm fi Pjazza Madonna ta’ Pompei u li ma kenitx qieghda tiffunzjona isirulha x-xogholijiet mehtiega minn AFS Ltd. u tibda tahdem mill-gdid. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ghandu jadotta l-opinjoni tas-Sur Micallef
Finalment fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti inkluzi fi skeda ta’ pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti eskluz il-pagament dovut lil AFS Ltd.

## 9 Affarijiet ohra

9.1 Is-Sur Carmelo Bugeja staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward ix-xiri tal-ufficcju amminsitrattiv tal-Kunsill Lokali.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienu ghaddejjin diskussjonijiet ma’ sid il-proprjeta’ rigward il-prezz tal-istess proprjeta’. Is-Sur Hall zied jghid li fil-frattemp flimkien mas-Sindku kien qieghed izomma laqghat mal-banek sabiex il-Kunsill ikollu stampa cara tal-piz finanzjarju li kienet ser iggib id-decizjoni tal-Kunsill Lokali.

9.2 Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienu avvicinawh xi individwi li kienu nfurmawh illi kien hemm xi bejjiegha li joperaw fis-suq fil-berah ta’ nhar ta’ Hadd li kienu qieghdin jokkupaw zoni riservati ghas-sajjieda permezz tal-posta taghhom. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu javza lill-gwardjan lokali li kien jiehu l-attendenza tal-bejjiegha sabiex kemm il-darba jirrizulta illi din il-kunsiderazzjoni kienet fondata tittiehed azzjoni u l-bejjiegh jigi mgieghel inehhi l-posta tieghu.

9.3 Is-Sur Steven Grech staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi risposta ghal ittra li l-Kunsill Lokali kien baghat rigward nuqqas ta’ rizorsi fil-korp tal-pulizija gewwa Marsaxlokk.
Is-segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kienet ghadha ma waslet ebda twegiba ghall-ittra in-kwistjoni. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi kopja tal-ittra kellha

tintbaghat lis-Sur Silvio Scerri, Chief of Staff, fil-ministeru tal-gustizzja sabiex tingieb ghall-attenzjoni tal-Onor. Ministru Dr.Manwel Mallia.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 t'Ottubru 2013

______________________ ______________________

**Edric Micallef** **Duncan Hall**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**